MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1277/1999/1

**Stephen Vella**

**vs**

**Adriana Vella f'isimha proprju, u, b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Frar 2000, giet nominata bhala kuratrici deputata**
**sabiex tirraprezenta lill-minuri Dylan u Erica Dacoda ahwa Vella**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fl-att tac-citazzjoni, l-attur irrefera ghall-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontentendi konjugi Vella, liema kuntratt gie ppublikat minn Nutar Dott. Marco Burlo` fit-23 ta' April, 1998. Isemmi wkoll li l-konvenuta giet affidata bil-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti u cioe` Dylan u Erica Dacoda, ahwa Vella u li huwa obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta is-somma ta' erbghin Lira Maltin (Lm40) kull gimgha pagabbli kull xahar bil-quddiem bhala manteniment ghal tfal minuri uliedu. L-attur irrefera ghall-Artikolu (2) (iv) (f) ta' l-istess kuntratt fejn hemm rizervat ghalih id-dritt li jitlob tnaqqis fil-manteniment minnu pagabbli f'kaz li d-dhul tieghu jitnaqqas sostanzjalment minhabba ragunijiet li fuqhom l-istess attur m'ghandu l-ebda kontroll u anki wara li jkun ghamel dak kollu possibbli biex jevita jew jirrimedja tali tnaqqis. Huwa allega li fil-gimghat precedenti c-citazzjoni kienu vverifikaw ruhhom ic-cirkostanzi stabbiliti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ghar-revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur. Premess dan kollu l-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:
1. Tiddeciedi u tiddikjara li vverifikaw ruhhom ic-cirkostanzi stabbiliti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ghar-revizjoni u t-tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur u li l-attur huwa konsegwentement intitolat li jitlob tali revizjoni u tnaqqis.

2. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, billi tillikwida l-manteniment ghal somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi rilevanti tal-kontendenti u ta' wliedhom minuri, b'mod partikolari l-bzonnijiet ta' l-istess ulied minuri, d-dhul attwali ta' l-attur u dak percepit minnha fid-data tal-publikazzjoni ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni u dan b'effett mill-1 ta' April 1999, jew data ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa; bl-ispejjez.

2. Il-konvenuta ikkontestat il-kawza b'erba' eccezzjonijiet li jaqraw hekk:
"1. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li l-Artikolu (2) (iv) (f) imsemmi fic-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur ma jezistix fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni.

2. Illi fil-premessi tieghu, l-attur jiddikjara li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu “fl-ahhar gimghat” qabel ma giet intavolata c-citazzjoni odjerna (u cioe` fit-2 ta’ Gunju 1999), meta in effetti l-attur waqaf ihallas il-manteniment stabbilit ta’ Lm40 fil-gimgha, f’April ta’ l-1999 minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

3. Illi l-attur irid jissodisfa l-kundizzjonijiet msemmijin fic-citazzjoni u cioe` li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu u li ghamel li seta’ biex jevita jew jirrimedja tali tnaqqis.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju l-attur ghandu n-negozju tieghu, flimkien ma’ huh, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk kwalsiasi tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu m’hi ghajr hlief tentattiv goff biex jipprova jeludi l-obligazzjonijiet minnu assunti taht il-kuntratt ta’ separazzjoni in kwistjoni”.

3. Fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2000 beda jixhed l-attur quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili. L-attur *inter alia* qal li ma setghax jibqa’ jhallas erbghin Lira Maltin (Lm40) fil-gimgha bhala manteniment ghal uliedu u allura naqqashom u beda jhallas hmistax-il Lira Maltin (Lm15) fil-gimgha. Qal li l-konvenuta irritaljat billi ma baqghetx iggib lit-tfal ghall-access li kien intitolat ghalih skond il-kuntratt ta’ separazzjoni u sussegwentement huwa waqqaf l-alimenti. Fl-istess seduta tal-21 ta’ Gunju, 2000 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat dan id-digriet:
“Il-Qorti tordna illi ta’ lanqas pendente dawn il-proceduri l-attur huwa obbligat ihallas Lm15 fil-gimgha alimenti b’effett immedjat minghajr pregudizzju ghaz-zewg partijiet u b’rizerva ghad-drittijiet ta’ l-attur li jintavola t-talbiet idoneji fir-rigward ta’ l-access ghat-tfal minuri”.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti kompliet tigbor il-provi kollha li resqulha l-partijiet u ppronunzjat is-sentenza taghha fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2002. B’din is-sentenza l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u cahdet it-talbiet ta’ l-attur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ordnat li l-ispejjez kollha jithallsu mill-attur, u dan wara li dik il-Qorti *inter alia* irrimarkat hekk:

“Illi ghalhekk abbazi tal-principji li kuntratt u ftehim huwa ligi bejn il-partijiet u li kuntratti ghandhom jigu nterpretati u esegwiti *in bona fede*, u in konsiderazzjoni tal-fatt li l-attur innifsu qed jibbaza ruhu fuq l-applikazzjoni ta’ dan il-ftehim, ma jirrizultax mill-provi li l-allegat tnaqqis fl-introjtu ta’ l-attur sar minhabba ragunijiet li ma kienux fil-kontroll tieghu, anzi jidher li dak li allegatament sehh kienet xelta tieghu; wisq inqas jirrizulta li saru tentattivi minnu biex jirrimedja ghas-sitwazzjoni, anzi jidher li huwa konxjentozament (sic!) ikkontribwixxa ghall-istess u kien l-agir tieghu li wassluh fejn qed jghid li wasal illum, u ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, b’dan ukoll li l-Qorti qed tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha moghti mill-Qorti diversament ippressjeduta tal-21 ta’ Gunju 2000, b’dan li l-manteniment dovut ghall-minuri ghaz-zmien kollu tal-kawza huwa dak stabbilit fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet datat 28 ta’ April 1998, u l-attur huwa obbligat li jhallas l-arretrati kollha jew il-bilanc ta’ l-istess arretrati minnu dovuti lill-konvenuta skond id-disposizzjonijiet ta’ l-istess kuntratt”.

5. Ghall-kompletezza, kopja shiha tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Novembru, 2002 qeghdha tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha u dan billi l-istess sentenza fiha l-motivazzjonijiet kollha li kkonducew lil dik il-Qorti li tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fl-istess sentenza.

## <u>II. L-APPELL</u>

6. Fis-17 ta’ Dicembru 2002, l-attur intavola rikors ta’ appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti. Ghar-ragunijiet minnu spjegati fl-istess rikors, l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tat-28 ta’ Novembru 2002, billi tirrevokaha in kwantu cahdet it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u minflok tilqa’ t-talbiet attrici, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

7. Il-konvenuta appellata fir-risposta ta’ l-appell taghha wiegbet ghall-aggravji mressqa mill-appellant, u spjegat ghaliex fil-fehma taghha l-appell kellu jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata minhabba li kienet gusta.

8. Wara li giet sorvolata l-kwisjtoni dwar il-kawtela ta’ l-appell, din il-Qorti halliet il-kawza ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju, 2004. F’dik is-seduta dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom li rrimettew ruhhom ghar-rikors ta’ l-appell u r-risposta relattiva. B’hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghal-lum.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

9. Jirrizulta li l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ippubblikat fit-23 ta’ April, 1998. B’dan il-kuntratt, l-attur assuma l-obbligu li jhallas manteniment liz-zewg uliedu minuri fis-somma ta’ erbghin Lira Maltin (Lm40) fil-gimgha. Fl-istess kuntratt l-attur zamm id-dritt li jitlob revizjoni u tnaqqis ta’ dan il-manteniment “*in the event that his income is substantially reduced for reasons beyond his control, and notwithstanding his attempts to remedy same*”. Irrizulta li fid-data meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni, l-attur appellant kellu zewg tipi ta’ introjti. Kellu mpjieg matul il-gurnata u filghaxija kien jiggestixxi *restaurant* f’Marsascala bi shab ma’ huh. Xi zmien wara l-appellant ittermina l-kuntratt ta’ shubija ma’ huh u b’hekk l-attur ma baqax jahdem aktar gewwa r-*restaurant* li kellu. U b’rizultat ta’ dan, allegatament l-introjtu tieghu naqas konsiderevolment. Jidher li l-appellant ipprova jikkonvinci lil martu taccetta retta alimentarja ridotta minhabba li c-cirkostanzi tieghu kienu tbiddlu minn meta sar il-kuntratt ta’ separazzjoni. Minhabba li l-konvenuta ma accettatx, huwa beda jhallas hmistax-il Lira Maltin (Lm15) bhala manteniment u meta l-konvenuta bdiet taqla’ problemi dwar l-access, l-appellant sahansitra ma baqax ihallas manteniment. F’din il-kawza l-attur appellant qieghed jitlob li l-alimenti pattwiti fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni personali in kwistjoni vis-a-vis iz-zewg uliedu minuri, jigu ridotti minhabba li kien hemm bdil fic-cirkostanzi finanzjarji

tieghu. Kif rajna, l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx it-talbiet ta' l-attur.

10. L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament kompletament zbaljat tal-provi li ressaq l-attur. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda kredibilita` lill-verzjoni tal-fatti kif spjegati mill-attur fix-xhieda tieghu. L-appellant testwalment jispjega l-aggravju tieghu hekk:
"L-ewwel Onorabbli Qorti, illi ma kienetx il-Qorti illi semghet ix-xhieda ta' l-attur stante illi dawna gew moghtija quddiem l-istess Qorti diversament ppresjeduta, b'mod assidwu iddubitat, jekk mhux iddefiniet immedjatament bhala gideb sfaccat, il-verzjoni moghtija mill-attur illi wasslet sabiex jitnaqqaslu l-introjtu u, sabiex tokkorrabora tali attitudni, tikkontesta l-veracita` tad-dokumentazzjoni kwazi kollha ta' l-attur, sahansitra kuntratt pubbliku maghmul quddiem Nutar. Kieku tali Qorti semghet ix-xhieda ta' l-attur u kkonstatat id-dokumentazzjoni dak il-hin giet ippresentata, hija setghet mal-ewwel tressaq tali dubbji u l-attur kien iressaq il-provi ohra sabiex jikkorrabora oltre dak li kien gia` pprezenta – dana, izda, ma setghax isehh, ghax l-attur kien prekluz milli jaghmel hekk stante illi meta l-Qorti li tat is-sentenza hadet konjizzjoni tal-kawza, l-attur kien gia` ghalaq il-provi tieghu;

Illi, apparti minn hekk, hadd ma jista' jinnega illi c-cirkostanzi ta' l-attur inbiddlu radikalment b'mod illi huma m'huwiex f'posizzjoni illi jonora l-obbligi li originalment kien dahal ghalihom. L-ewwel Onorabbli Qorti donnha qeghdha tallega li l-attur m' ghamilx l-almu tieghu sabiex jirrimedja ghas-sitwazzjoni, kif hemm indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Xejn ma jista' jkun aktar il-boghod mill-verita`, u dana johrog car mill-fatt li l-attur baqa' jahdem u jistinka f'xoghlu matul il-gurnata, haga li certament ma kienx jaghmel kieku, kif hasset l-ewwel Onorabbli Qorti, l-animu ta' l-attur kien illi jnaqqas l-ammont ta' manteniment il-ghaliex martu qeghdha tircievi aktar flus minnu meta wiehed jikkontegga l-manteniment pagabbli – l-attur baqa' jahdem sabiex jghaddi xi flus lit-tfal minuri tieghu, izda fil-

posizzjoni prezenti tieghu, is-somma ta’ Lm40 fil-gimgha, jew inkella madwar Lm160 kull erba’ gimghat m’huwiex finanzjarjament possibbli meta wiehed iqis l-introjtu tieghu ta’ madwar Lm260 fix-xahar.

Illi, l-ewwel Onorabbli Qorti, fil-kalkoli taghha, donnha qeghdha tieghu in konsiderazzjoni l-ghaxart elef Liri Maltin illi huwa kellu jircievi minghand huh wara li telaq ir-restaurant. Madanakollu, l-ewwel Onorabbli Qorti naqqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenuta kellha tinghatha ghaxart elef Liri Maltin ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni, liema somma giet debitament mghoddija lilha fil-mori tas-sentenza b’mod illi l-attur ma kellux l-opportunita` illi jressaq tali prova, liema fatt certament m’huwiex ikkontestat mill-konvenuta;

Ghalhekk, kwalsiasi allegazzjoni ta’ raggir illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet fil-konfront ta’ l-attur m’huwiex minnu, u dan ghaliex l-attur ghandu t-tfal ghal qalbu aktar milli tahseb l-ewwel Onorabbli Qorti u jaghmel minn kollox ghalihom, izda, jekk fil-prezent huma fl-impossibbilita` illi jhallas dak minnu obbligat minhabba fil-bdil fic-cirkostanzi, l-Qorti certament m’hijiex ser issolvi l-problema billi tagrava l-piz finanzjarju ta’ l-attur – del resto, l-ewwel Onorabbli Qorti stess ammettiet illi “hwejjeg impossibbli ma jistghu qatt ikunu oggett ta’ kuntratt – tirrikorri meta tirrikorri dik l-impossibbilita`”.

11. L-appellata irribattiet dan l-aggravju billi accennat ghar-regola li din il-Qorti ma tiddisturbax id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fuq il-fatti jekk mhux ghal ragunijiet gravi u precizi. Hija spjegat ghaliex fil-fehma taghha, fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda raguni gravi biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. L-appellata testwalment qalet hekk:
“Illi b’referenza ghall-ewwel aggravju, u cioe` illi sehh tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji ta’ l-appellant, u ghalhekk qed jitlob riduzzjoni fl-ammont ta’ manteniment pagabbli lill-esponenti ghall-minuri, hija allegazzjoni infondata in kwantu l-appellant naqas milli jressaq provi konvincenti li t-tnaqqis fl-introjtu tieghu saret minhabba ragunijiet li ma kellux kontroll fuqhom. Illi effettivament, l-appellant isostni

illi t-tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu sehhew meta ttrasferixxa s-sehem tieghu mill-gestjoni tar-restaurant li jinsab gewwa Marsascala lil huh. Illi kif osservat korrettement l-Onorabbli Prim Awla, dan l-allegat trasferiment sar b'ghazla ta' l-istess appellant, sabiex jipprova jeludi l-obligazzjonijiet minnu assunti.

Illi inoltre, l-istess appellant arbitrarjament naqqas il-manteniment pagabbli fil-konfront ta' l-esponenti, minghajr l-ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti. Illi l-kronologija tal-fatti kienu kif gej: illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr.Marco Burlo` datat 23 ta' April 1998, gie ffissat il-manteniment pagabbli mill-appellant fil-konfront tal-minuri fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (Lm40) fil-gimgha. Illi b'effett minn April 1999, minghajr ebda raguni valida til-Ligi, l-appellant waqaf ihallas ghal kollox il-manteniment pagabbli fil-konfront tal-minuri; illi f'dak l-istess xahar, u aktar precizament fit-23 ta' Marzu 1999, l-appellant iffirma ftehim ma' huh u martu, permezz ta' liema skrittura ttrasferixxa s-sehem tieghu mill-kirja tal-fond ossia restaurant lil huh. Illi fit-2 ta' Gunju 1999, l-appellant intavola l-kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla. Illi sa meta nghata d-digriet mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2000, li permezz tieghu l-appellant gie ordnat jivversa manteniment ghal uliedu *pendente lite* fl-ammont ta' Lm15 fil-gimgha, l-istess appellant ma kien qed jivversa l-ebda forma ta'manteniment ghal uliedu.

Illi ta' min jirrileva illi tul il-perjodu minn meta l-appellant waqaf ihallas il-manteniment ghal uliedu sa meta nghata d-Digriet *pendente lite*, l-appellant xorta kien qed jahdem, u dan peress illi x-xoghol ta' restaurant kien jaghmlu filghaxijiet biss. Tul il-gurnata dejjem kien impjegat, u l-ahhar impieg tieghu kien ma' Qronfla Limited. Madanakollu, l-manteniment pagabbli ghall-minuri waqaf milli jhallsu ghal kollox, u kien biss b'segwitu ta' ordni tal-Qorti li l-hlas rega' beda jsir fl-ammont ta' hmistax-il Lira (Lm15) fil-gimgha.

Illi dan kollu jirrifletti *mala fede* da parti ta' l-appellant, stante illi fl-ebda mument ma avvicina lill-esponenti sabiex jgharrafha dwar it-tibdil fic-cirkostanzi tieghu, u b'hekk

jipprovaw jaslu ghal ftehim dwar ammont gdid. Minflok, qabad u waqqaf ghal kollox il-manteniment. Illi anke l-ftehim li gie redatt bejn l-appellant u huh, jindika *mala fede* da parti ta' l-appellant, u dan peress illi l-ftehim gie konkluz wara li l-appellant waqaf ihallas il-manteniment (li kien pagabbli bil-quddiem, fil-bidu tax-xahar), sabiex b'xi mod jittanta jiggustifika n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment".

12. Fl-analizi ta' dan l-aggravju ta' l-appellant din il-Qorti hija ggwidata mir-regola li tinsab ankrata fil-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, li din il-Qorti ta' l-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni qatt ma tiddisturba b'mod legger l-apprezzament li l-ewwel Qorti tkun ghamlet tal-provi li ressqu l-partijiet quddiemha. Din il-Qorti tasal li tiddisturba d-deskrezzjoni adoperata mill-Qorti tal-Prim Istanza fil-valutar u l-apprezzar tal-provi biss jekk ikunu jirrikorru ragunijiet verament gravi u allura jkun jehtieg li taghmel hekk biex tevita li ssir ingustizzja gravi. Issa fil-kaz odjern din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi kollha akkwiziti fil-process u assolutament ma sabet l-ebda raguni, wisq inqas wahda gravi, li a bazi taghha tista' tikkonkludi li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Mhux hekk biss izda din il-Qorti trid tirregistra li hija taqbel sostanzjalment mal-mod ta' kif gew apprezzati l-provi akkwiziti ghall-process mill-ewwel Qorti. Biex il-Qorti seta' kellu success f'din il-kawza hija ma kellhiex l-oneru li tipprova li kien hemm bdil fic-cirkostanzi finanzjarji ta' l-appellant, izda kellha wkoll l-obbligu li tara li dan sehh "... *for reasons beyond his control, and notwithstanding his attempts to remedy same*". Certament l-appellant naqas li jipproduci provi sodisfacenti li jissostanzjaw jew li r-riduzzjoni fl-introjtu tieghu sar minhabba ragunijiet li kienu barra l-kontroll tieghu, jew li huwa ghamel dak li seta' biex ipoggi l-introjtu tieghu fl-istat li kien qabel ma sehhu l-bdil fic-cirkostanzi, jew li r-riduzzjoni fl-introjtu tieghu sar minhabba ragunijiet li kienu barra l-kontroll tieghu, jew li huwa ghamel dak kollu li seta' biex ipoggi l-introjtu tieghu fl-istat li kien qabel ma sehhu l-bdil fic-cirkostanzi. L-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jisthoqqlux aktar studju approfondit minn hekk. Madanakollu, din il-Qorti trid tirrimarka li s-

sottomissjoni ta' l-appellant kontenuta fl-ewwel parti ta' l-aggravju tieghu tirrazenta l-frivolu. L-appellant jilmenta li l-Onorevoli Imhallef li ta d-decizjoni appellata ma kienx l-istess wiehed li sema' l-provi ta' l-attur. Imbaghad l-appellant testwalment jghid hekk:
"Kieku tali Qorti semghet ix-xhieda ta' l-attur u kkonstatat id-dokumentazzjoni dak il-hin giet ipprezentata, hija setghet mal-ewwel tressaq tali dubji u l-attur kien iressaq il-provi ohra sabiex jikkorrabora oltre dak li kien gia` ppresenta – dana, izda, ma setghax isehh, ghax l-attur kien prekluz milli jaghmel hekk stante illi meta l-Qorti li tat is-sentenza hadet konjizzjoni tal-kawza, l-attur kien gia` ghalaq il-provi tieghu;"

Ghandu jigi rilevat li l-obligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah (ara Artikolu 562 tal-Kap. 12). L-Artikolu 558 tal-Kap. 12 jesigi li kull prova li titressaq fil-kawza ghandha tkun relevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet waqt li l-Artikolu sussegwenti u cioe` 559 jezigi li fil-kazijiet kollha l-parti ghandha ggib l-ahjar prova li tista' ggib. Dawn huma r-regoli l-aktar saljenti li ghandhom jirregolaw il-gbir tal-provi. Skond is-sistema guridiku taghna, l-provi ma jitressqux fid-dawl ta' xi reazzjoni li jista' jaghmel xi gudikant. Jigifieri fis-sistema taghna gudikant m'huwiex mistenni li jiggwida lill-parti li tkun qeghdha tipproduci l-provi quddiemu, billi joqghod jesprimi d-dubji tieghu dwar dawk l-istess provi u b'hekk il-parti tinduna li ghandha ttella' provi ohra sabiex tikkorrabora l-provi li kienet ipproduciet aktar qabel. Jekk l-appellant kellu provi ohra u ma ressaqhomx quddiem l-ewwel Qorti, dan kien nuqqas tieghu u ma jistax jitfa' t-tort fuq l-ewwel Qorti. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant bl-ebda mod ma jista' jintlaqa'.

13. It-tieni u l-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna il-provvediment li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ezattament qabel ghaddiet ghad-dispozittiv. L-ewwel Qorti qalet hekk:
".... l-Qorti qed tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha moghti mill-Qorti diversament ippreseduta tal-21 ta' Gunju 2000, b'dan il-manteniment dovut ghall-minuri ghaz-zmien kollu tal-kawza huwa dak stabbilit fil-kuntratt ta'

separazzjoni ta’ bejn il-partijiet datat 28 ta’ April 1998, u l-attur huwa obbligat li jhallas l-arretrati kollha jew il-bilanc ta’ l-istess arretrati minnu dovuti lill-konvenuta skond id-disposizzjonijiet ta’ l-istess kuntratt.”

L-appellant qieghed jargumenta li dan il-provvediment ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti huwa wiehed null u bla effett. L-appellant jispjega ruhu testwalment hekk:
“Illi l-meritu tal-kawza odjerna huwa ir-riduzzjoni tal-manteniment abbazi ta’ dak stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Illi mkien fl-atti tal-kawza ma tidher xi kontro-talba tal-konvenuta fejn qed jintalab illi l-attur jigi ordnat ihallas il-manteniment dovut. Illi ghalhekk, kemm id-digriet moghti fil-21 ta’ Gunju 2000 u aktar u aktar, ir-revoka tieghu datat 28 ta’ Novembru 2002, qatt ma seta’ jinghata, u dana il-ghaliex il-Qorti marret oltre dak mitlub lilha u minflok ma akkordat tnaqqis fil-manteniment, ordnat illi l-manteniment kollu mhux imhallas huwa dovut, u dana minghajr ma qatt kienet mitluba illi taghmel dan. Illi, apparti minn hekk, l-ordni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti wara r-revoka ‘contrario’ imperio’ tad-digriet data 21 ta’ Gunju 2000 huwa null u bla effett, stante illi fl-atti tal-kawza ma jidher imkien talba sabiex l-attur jigi ordnat jhallas l-arretrati tal-manteniment, b’mod illi l-ewwel Onorabbli Qorti marret oltre l-kompetenza taghha.”

14. Ikun utli li qabel xejn isir accenn ghall-kuntest li fih inghata d-digriet tal-21 ta’ Gunju, 2000. Dak in-nhar beda jixhed l-attur u fil-kors tax-xhieda tieghu huwa stqarr kif ic-cirkostanzi ta’ l-introjtu tieghu kienu tbiddlu u allura kien iddecieda arbitrarjament li minflok ma jhallas l-alimenti pattwiti ta’ erbghin Lira Maltin (Lm40) fil-gimgha, huwa ddecieda li jibda jhallas alimenti ta’ hmistax-il Lira Maltin (Lm15) biss u sussegwentement iddecieda li ma jhallas assolutament xejn ghall-manteniment ta’ wliedu. Il-Qorti taghmel referenza ghall-parti relattiva tax-xhieda ta’ l-attur u specifikatament ghal din is-silta li tinsab a fol. 50 tal-process:
“Qorti: Inti minkejja li tbiddlulek ic-cirkostanzi tieghek, diga` ghamilt hazin li naqqast il-manteniment, ahseb u ara li ma taghti xejn. Almenu dak li inti offrejt aghtihulha.

Xhud: Imma pproponejt li naghtiha Lm15 fil-gimgha u meta bghatthom .... l-ewwel nett irrifjutathom u t-tieni nett waqaf l-access ghat-tfal. X'nista naghmel iktar minn hekk jien?"

15. Jirrizulta li fl-istess seduta. L-ewwel Qorti vverbalizzat hekk:
"Il-Qorti tordna illi ta' lanqas pendenti dawn il-proceduri l-attur huwa obbligat ihallas Lm15 fil-gimgha alimenti b'effett immedjat minghajr pregudizzju ghaz-zewg partijiet u b'rizerva ghad-drittijiet ta' l-attur li jintavola t-talbiet idoneji fir-rigward ta' l-access ghat-tfal minuri."

16. Jidher car li dan id-digriet ta' l-ewwel Qorti inghata espressament minghajr ebda pre-gudizzju ghaz-zewg partijiet. Huwa evidenti li l-ewwel Qorti tat dak id-digriet biex tevita li s-sitwazzjoni kera bejn il-konjugi Vella tkompli tiddeterjora, biz-zewgt itfal minuri jibqghu bla ebda manteniment ta' xejn. Dak id-digriet inghata sempliciment sabiex tigi sblokkata sitwazzjoni infelici li holoq l-attur stess arbitrarjament.

17. La darba d-digriet tal-21 ta' Gunju, 2000 inghata espressament mill-ewwel Qorti minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet l-ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata tat il-provvediment li bih irrevokat digriet tal-21 ta' Gunju , 2000. L-ewwel Qorti kellha s-setgha li taghti dak il-provvediment la darba l-attur ma rnexxilux jipprova sodisfacentement li kien hemm lok li l-manteniment kellu jigi ridott skond l-istipulazzjonijiet kontenuti fil-kuntratt tas-separazzjoni in kwistjoni. Certament il-Qorti ma marritx *oltre* dak mitlub minnha meta tat l-imsemmi provvediment. Lanqas kien jehtieg li jkun hemm xi kontro-talba da parti tal-konvenuta fejn jintalab li l-attur jigi ordnat ihallas il-manteniment dovut, biex il-Qorti jkollha s-setgha u l-kompetenza li taghti dak il-provvediment li effettivament tat. Isegwi ghalhekk li anke dan l-aggravju ta' l-appellant huwa infondat u ma jistax jigi milqugh minn din il-Qorti.

18. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Novembru, 2002. L-ispejjez, anke ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta' l-attur appellant.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni moghtija fit-28 ta' Novembru 2002, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------